# Vot Alternattiv
# Vot Nadif

**Alternattiva Demokratika**
**The Green Party**

# Manifest Elettorali 2017

www.alternattiva.org.mt

Vot Alternattiv
Vot Nadif

# Werrej

**Introduzzjoni**
4 - 5

**Riformi Kostituzzjonali u Demokratiċi**
6 - 8

**Żvilupp Sostenibbli**
9 - 11

**Tibdil fil-Klima, Enerġija u Trasport**
12 - 13

**Edukazzjoni**
14 - 16

**Politika Soċjali**
17 - 18

**Drittijiet LGBTI**
19

**Ekonomija**
20 - 21

**Agrikultura**
22

**Sajd**
23

**Ħarsien tal-Annimali**
24

**Għawdex**
25

Vot Alternattiv
Vot Nadif

# Il-Politika Nadifa ma Tiġix mix-Xejn

Il-politika nadifa ma tiġx mix-xejn. Jeħtieġ li naħdmu għaliha kuljum. Lejl u nhar.

Vot alternattiv hu vot favur l-indafa u kontra t-tniġġis ta' kull xorta. Tniġġis tal-ħajja pubblika minn nuqqas ta' tmexxija tajba u korruzzjoni. Hu ukoll vot kontra t-tniġġis ambjentali li daqqa jeqred il-ħajja, u drabi oħra jtappan u jnaqqas il-kwalità tal-ħajja tagħna lkoll.

Vot alternattiv hu vot favur l-indafa fil-ħajja pubblika kif ukoll vot favur il-ħarsien tal-ambjent.

Din il-kampanja elettorali qed isseħħ fi tmiem leġiżlatura ta' erba' snin li wriet kemm l-istituzzjonijiet tal-pajjiż huma dgħajfa. Huma dgħajfa tant li ma jistgħux jintervjenu kontra l-abbuż li jikber, fl-istess ħin li jkompli jherri dak li baqa' mill-istituzzjonijiet.

L-istituzzjonijiet ħafna drabi jaħdmu fuq l-affarijiet sempliċi u ordinarji ta' kuljum imma mbagħad huma dgħajfa fil-konfront ta' abbuż li jew isir mill-istat inkella minn dawk li l-istat irid jipproteġi.

Fid-dawl ta' dan, l-indafa hi l-aġenda tagħna. Hi agenda li tibni mill-ġdid jew issaħħaħ l-istituzzjonijiet u tagħti lura d-dinjità lill-pajjiż billi tistabilixxi mill-ġdid l-indafa fil-ħajja pubblika bħala valur imfittex u mixtieq. Hi aġenda li tfittex li tirrestawra s-serjetà fil-ħajja pubblika u l-indafa madwarna fit-toroq, fl-arja, fl-art u fil-baħar.

Idejn indaf fuq it-tmun tal-pajjiż. Nifs b'arja friska u nadifa. Ilma li nixorbu li jkun ċar u nadif. Ikel li ma jkunx ikkontaminat.

# Il-Vot Tiegħek Jiswa Wkoll

Irridu immorru lura sal-pedamenti tal-ħajja demokratika ta' pajjiżna u nagħtu lura valur lil kull ċittadin billi tkun riformata s-sistema elettorali b'tali mod li kull vot ikollu valur li jissarraf fit-tmexxija tal-pajjiż. Ir-riformi elettorali li saru tul is-snin servew biex inħolqot sitwazzjoni b'żewġ partiti politiċi li jalternaw bejniethom fit-tmexxija tal-pajjiż ad esklużjoni tal-bqija. Dan minnu nnifsu huwa s-sors tal-gwaj kollu li fih jinsab pajjiżna illum, għax ixettel u jirrinforza politika ta' konfrontazzjoni bejn żewġ naħat flok politika ta' djalogu li fiha jieħu sehem kulħadd: djalogu li għandu jwassal għal kunsens wiesgħa.

Malta għandu jkollha sistema elettorali bbażata fuq rappreżentanza proporzjonali assoluta bejn siġġijiet u voti mitfugħa f'elezzjoni, ikkoreġġuti b'għatba ta' 2.5%. Dan il-prinċipju jista' jinkiseb bl-istess Sistema ta' Vot Trasferibbli filwaqt li jitwessa' l-mekkaniżmu Kostituzzjonali attwali li jiżgura proporzjonalità stretta bejn l-għadd ta' voti u siġġijiet u li jimxi minn wieħed li japplika biss f'każijiet fejn żewġ partiti biss jiġu eletti fil-Parlament, għal wieħed li japplika għall-partiti kollha li jaqbżu l-għatba nazzjonali ta' 2.5% tal-ewwel għadd tal-voti.

# Riformi Kostituzzjonali u Demokratiċi

Dan jeħtieġ li jsir kemm b'emendi kostituzzjonali kif ukoll b'emendi fil-liġijiet elettorali u għandu jkun parti minn riforma ikbar li teħtieġ li issir tal-ogħla liġi tal-pajjiż. Il-Kostituzzjoni li ġiet approvata fl-1964 u emendata diversi drabi matul is-snin teħtieġ reviżjoni ġenerali. Irridu niġbru flimkien il-fehmiet ta' kulħadd li għandhom ikunu mgħarbla minn konvenzjoni kostituzzjonali.

Fost l-*issues* li għandhom ikunu indirizzati hemm is-segwenti:

1. aġġustament għall-mekkaniżmu tal-proporzjonalità fis-sistema elettorali kif diġa imfisser iktar 'il fuq, biex soġġett għal għatba ta' 2.5% l-proporzjonalità elettorali ma tkunx il-privileġġ esklussiv ta' żewg partiti iżda tkun estiża għal kulħadd,

2. l-użu tal-ambaxxati ta' Malta biex Maltin bi dritt tal-vot ikunu jistgħu jivvutaw barra minn Malta minflok joqgħodu jinżlu Malta. Il-Maltin li jgħixu barra, li jkunu irreġistraw mar-rappreżentanzi diplomatiċi Maltin barra, ikunu jistgħu jivvotaw fl-eqreb ambaxxata jew konsolat.

3. jirrikonoxxi l-iżviluppi fit-tessut soċjali tal-pajjiż u jemfasizza li l-istat Malti għandu jkun wieħed lajk;

4. l-artiklu 2 tal-Kostituzzjoni għandu jkun revedut. Filwaqt li għandu jirrikonoxxi li t-twemmin Nisrani kkontribwixxa għall-iżvilupp tal-komunità Maltija, għandu jirrispetta kull reliġjon u twemmin.

5. Il-President tar-Repubblika m'għandux jibqa' jkun elett mill-Parlament waħdu, imma minn kulleġġ elettorali magħmul mill-Membri Parlamentari kollha u mis-sindki eletti kollha tat-68 lokalità.

6. Il-ħatra tal-awtoritajiet kostituzzjonali ma' tibqax prerogattiva tal-Gvern iżda tgħaddi lura għand il-Parlament.

7. L-obbligi tal-istat li jħares l-ambjent għandhom jingħataw għarfien kostituzzjonali.

8. Il-libertà tal-Informazzjoni, l-Protezzjoni tad-data u l-privatezza, kif ukoll id-drittijiet tal-*whistleblowers* għandhom jiġu definiti kif xieraq u inkorporati fil-Kostituzzjoni.

9. Id-dispożizzjoni tan-newtralità li fil-Kostituzzjoni tagħmel referenza għaż-żewġ superpotenzi ta' żmien il-Gwerra l-Bierda għandha tiġi riveduta b'tali mod li tkun rilevanti għar-realtajiet ġeopolitiċi tal-lum u għall-impenn ta' Malta lejn rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem.

10. L-aċċess għax-xandir m'għandux jiddependi fuq ir-rappreżentanza parlamentari iżda għandu jitwessa' għall-partiti politiċi kollha u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrispettaw il-Kostituzzjoni u li ma jxerrdux mibegħda razzjali kontra l-minoranzi jew il-gruppi etniċi, il-kulturi u l-identitajiet.

11. Iċ-ċittadini għandhom jieħdu sehem fil-ħolqien ta' liġijiet ġodda bis-saħħa tal-introduzzjoni ta' referendum propożittiv. Dan soġġett għar-regolamenti diġa applikabbli għar-referendum abrogattiv.

Għaldaqstant għandha tissejjaħ konvenzjoni Kostituzzjonali bis-sehem attiv tas-soċjetà ċivili bl-iskop li taġġorna l-kostituzzjoni għall-ħajja tal-lum kif ukoll biex trażżan il-poteri tal-istat fil-konfront taċ-ċittadin li għandu jingħata iktar għodda kostituzzjonali biex jilħaq l-aspirazzjonijiet tiegħu kif ukoll biex jingħata difiża aħjar fil-konfront tal-arroganza tal-istat u ta' awtoritajiet dgħajfa jew bla snien.

Għandna ħafna liġijiet tajbin, imma sfortunatament mhux dejjem jintgħażlu l-aħjar nies biex iwettquhom u jimplimentawhom. Il-Gvernijiet ħafna drabi fittxew il-lealtà politika u poġġew fil-ġenb il-kompetenza etika u teknika huma u jagħżlu l-persuni biex imexxu s-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet. Dan iseħħ għax il-Parlament abdika r-responsabbiltajiet tiegħu u għaddihom f'idejn il-Gvern li mhux dejjem ħaddimhom sewwa.

Il-Parlament għandu jieħu lura mingħand il-Gvern is-setgħa li jaħtar l-awtoritajiet, u jkun il-Parlament permezz tal-kumitati tiegħu li, wara smiegħ pubbliku tal-persuni nominati, japprova l-ħatriet meħtieġa kemm fl-awtoritajiet imwaqqfa b'liġi kif ukoll b'mod partikolari tal-awtoritajiet kostituzzjonali, tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-Gvernatur tal-Bank Ċentrali, tat-tmexxija tal-Awtoritajiet differenti, tal-ambaxxaturi kollha kif ukoll tal-Kap taċ-Ċivil, tas-Segretarji Permanenti, d-Diretturi Ġenerali u l-Kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern.

Dan għandu jseħħ mhux biss biex ikun assigurat li l-ħatriet kollha jsiru fl-interess tal-amministrazzjoni tajba tal-pajjiż imma fuq kollox biex tkun eliminata l-possibilità ta' abbużi li b'daqqa ta' pinna jitneħħew uffiċjali pubbliċi minn fuq xogħolhom kif sar mas-Segretarji Permanenti kollha mal-bidla fil-Gvern fl-2013. Huwa neċessarju wkoll biex ħatriet sensittivi, per eżempju bħal dawk ta' Kummissarju tal-Pulizija, Kap Kmandant tal-Armata jew il-Gvernatur tal-Bank Ċentrali, ma jkunux dipendenti fuq it-tessera ta' sħubija fil-partit politiku fil-Gvern.

L-involviment tal-politika partiġġjana fl-ingaġġ fis-servizz pubbliku jeħtieġ li jieqaf, darba għal dejjem. Dawn l-aħħar snin Gvernijiet differenti qed jużaw il-formola tal-persuna ta' fiduċja biex iduru mal-obbligi kostituzzjonali li jassoġġettaw l-inġaġġ fis-settur pubbliku għall-iskrutinju tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Din l-isfida għall-obbligi kostituzzjonali jeħtieġ li tieqaf darba għal dejjem. Dan jista' jseħħ biss jekk ikollna Gvern li jirrispetta bil-fatti l-kostituzzjoni u kemm-il darba jkollna Parlament li jkun lest li jiċċensurah jekk dan ma jseħħx.

Għaldaqstant l-ingaġġ fis-settur pubbliku ta' persuni ta' fiduċja (*persons of trust*) jkun limitat għal dawk li jaqdu doveri fis-segretarjat privati ta' dawk li jokkupaw uffiċċju politiku (*holders of political office*).

Dan minħabba li hu aċċettabbli illi min jokkupa uffiċċju politiku (Ministri u Segretarji Parlamentari) jkollhom madwarhom fis-segretarjat tagħhom persuni ta' fiduċja. Imma m'huwiex aċċettabbli li jbqa' fis-seħħ l-abbuż ta' ħatriet bl-addoċċ ta' persuni ta' fiduċja f'karigi ta' responsabbiltà kbira. Min jinħatar m'għandux iħossu responsabbli lejn xi partit politiku iżda lejn Gvern li jaġixxi f'isem il-pajjiż kollu.

L-istituzzjonijiet kollha jingħataw iktar riżorsi biex ikun possibbli li jissaħħu u dan biex il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u favur il-governanza tajba tkun waħda totali. Bħala riżultat ta' hekk ikunu jistgħu jrabbu s-snien biex ikunu jistgħu jieqfu lil Gvern li jitħajjar jaqbad it-triq tal-korruzzjoni u li ġeneralment irabbi l-għeruq u jixxettel billi l-ewwel u qabel kollox idgħajjef l-istituzzjonijiet.

Hemm bżonn ukoll li l-ħidma tal-istituzzjonijiet tkun taħt l-iskrutinju tal-maġistratura u dan biex ikun iktar possibbli illi l-kompliċità bejn il-politiku u l-istituzzjonijiet kompromessi tinqabad mill-ewwel.

Eżempji ta' x'jista' jsir f'dan ir-rigward huma r-rapporti tal-FIAU li preżentement jgħaddu għand il-Kummissarju tal-Pulizija u preżentment huwa hu li jiddeċiedi jekk jipproċedix b'investigazzjoni jew le. Ikun iktar għaqli li r-rapporti tal-FIAU jgħaddu għand il-Maġistrat tal-Għassa.

L-istess għandu jingħad għas-setgħa li għandu l-Ministru tal-Intern li jawtorizza l-interċezzjoni tat-telekomunikazzjonijiet. Dan m'għandux jibqa' jsir minn politiku, iżda għandu jibda jsir taħt l-awtorità tal-Qorti.

## L-Etika fil-Ħajja Pubblika

Għandha tittieħed b'iktar serjetà l-imġiba fil-ħajja pubblika u għandhom ikunu applikati s-sanzjonijiet fejn dan jirriżulta neċessarju. B'mod partikolari għandha tkun implimentata mingħajr iktar dewmien il-liġi dwar l-istandards fil-ħajja pubblika billi tiddaħħal fis-seħħ u jkun appuntat minnufih il-Kummissarju dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika bl-approvazzjoni ta' żewġ terzi tal-Parlament.

Għandu ikun regolat il-*lobbying* mingħajr iktar dewmien u dan biex ikun hemm iktar trasparenza dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Il-Membri Parlamentari jkunu *full-timers* mhux biss għax hemm ħafna xogħol parlamentari li għandu jsir imma fuq kollox biex ikun iktar possibli li jkun evitat il-kunflitt ta' interess bejn ir-responsabbiltajiet parlamentari u dawk professjonali jew li jirriżultaw mix-xogħol. M'għandux ikun possibbli għal Membru Parlamentari li waqt li jkun fil-ħatra jagħmel kwalunkwe xogħol ieħor. Dan jinkludi li Membru Parlamentari ma jkunx jista' jinħatar fuq Bordijiet ta' awtoritajiet u kummissjonijiet kemm dawk maħtura fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat.

Għandha tittejjeb il-liġi tal-finanzjament tal-partiti politiċi billi fost oħrajn tkun eliminata l-possibilità li jkunu l-partiti politiċi stess li jirregolaw lilhom infushom permezz tal-Kummissjoni Elettorali u flok il-Kummissjoni Elettorali jinħatar il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bħala r-regolatur tal-liġi dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi.

L-iskema diġa eżistenti ta' finanzjament tal-partiti politiċi mill-istat, preżentement limitata għall-partiti fil-parlament, għandha tkun estiża għall-partiti politiċi kollha reġistrati.

# Żvilupp Sostenibbli

Huwa neċessarju li kontinwament tkun integrata l-politika ambjentali ma' dik ekonomika u soċjali. Dan iseħħ fil-kuntest ta' politika dwar l-iżvilupp sostenibbli li permezz tagħha infittxu li nħarsu lejn l-impatt olistiku tal-politika. Biex dan iseħħ hemm bżonn l-involviment tas-soċjetà ċivili għax il-politika dwar l-iżvilupp sostenibbli hi l-ewwel u qabel kollox tisħiħ tal-proċess demokratiku bl-inkoraġġiment tal- involviment ta' kulħadd fit-tfassil u t-twettiq tal-istrateġija neċessarja.

Alternattiva Demokratika tfittex li dan l-involviment jerġa' jiġi stabilit biex il-pajjiż ikun jista' jibbenefika mill-impenn u l-esperjenza tal-għaqdiet mhux governattivi.

Il-Gwardjan għall-Ġenerazzjonijiet Futuri jkun inkoraġġit biex, wara li tħalla ma jiffunzjonax għal żmien twil, jerġa' jirristabilixxi ruħu u dan billi jkun regolarment ikkonsultat mill-Gvern hi u titfassal kwalunkwe *policy* ġdida.

Is-soċjetà ċivili għandha tkun involuta mill-ġdid fil-proċess tal-bini tal-infrastruttura tas-sostenibilità u dan billi jerġa' jitwaqqaf il-Kunsill Nazzjonali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli.

## L-Ambjent

M'aħniex ser nerġgħu nipproponu li jingħaqdu f'awtorità waħda ż-żewġ awtoritajiet eżistenti (tal-Ippjanar u tal-Ambjent u r-Riżorsi). Mhux għax dan mhux meħtieġ, imma għax din hi deċiżjoni loġika li jkollha tittieħed b'mod inevitabbli iktar tard għal iktar effiċjenza fil-ħidma ta' kontroll u ħarsien ambjentali.

L-iżbalji kbar li saru fil-passat kienu minħabba l-fatt li l-ħarsien tal-ambjent ingħata l-ġenb u ġie gglorifikat l-ippjanar għall-użu tal-art li ġie meqjus u mħaddem daqslikieku kien fabbrika li tipproduċi l-permessi tal-iżvilupp. Hu neċessarju li nifhmu lkoll li l-ippjanar għall-użu tal-art għandu jkun dejjem soġġett għall-ħarsien ambjentali.

Dawn iż-żewġ awtoritajiet u l-organi ewlenin tagħhom ikunu fost dawk l-awtoritajiet li l-membri kollha tagħhom jinħatru wara li jkunu approvati mill-Parlament permezz tal-kumitati tiegħu wara smiegħ pubbliku u mhux fuq deċiżjoni tal-Gvern tal-ġurnata.

L-ambjent jingħata għarfien Kostituzzjonali. Dan isir billi l-obbligu tal-istat li jħares il-biodiversità, ir-riżorsi naturali (primarjament, imma mhux biss, l-ilma), ir-wirt kulturali u storiku, l-kwalitá tal-arja kif ukoll il-pajsaġġ, il-widien, r-riżorsi fl-art u fil-baħar ikunu kollha obbligi kostituzzjonali u li kuntrarjament għas-sitwazzjoni attwali l-qrati Maltin jingħataw is-setgħa li jobbligaw lill-istat li jiċċaqlaq meta dan ma jaġixxix jew jiċċaqlaq bil-mod wisq.

Għal dan l-iskop ikun imsaħħaħ l-istatus tal-għaqdiet ambjentali u tas-soċjetà ċivili bid-dritt li dawn jintervjenu quddiem il-qrati Maltin, u jekk meħtieg dawk Ewropej, għal dan l-iskop. L-għaqdiet ambjentali jingħataw għajnuna finanzjarja mill-istat biex ikun jistgħu jwettqu aħjar l-obbligi tagħhom.

L-aħħar ċensiment li sar fl-2011 wera li f'Malta hawn 72,150 propjetà residenzjali vojta. Madwar 40,000 vojta is-sena kollha u l-bqija ġew użati b'mod staġjonali, inkella użati rarament. L-inċidenza ta' din il-propjetà residenzjali vojta fl-ibliet u l-irħula tagħna tvarja bejn uħud li fihom ftit u oħrajn li fihom ħafna propjetajiet vojta.

Ikun għaqli li din l-informazzjoni nagħtu każ tagħha u dan billi f'dawk il-lokalitajiet fejn hemm ħafna propjetajiet vojta ma jkunux ikkunsidrati proposti ta' żvilupp għal proġetti kbar li joħolqu units ġodda residenzjali u dan sakemm proġett ta' din ix-xorta ma jkunx qed jirrestawra jew jirriġenera propjetà vojta jew fi stat ta' abbandun.

B'mod partikolari, f'dawn iċ-ċirkustanzi jkun għaqli ukoll li tkun posposta l-konsiderazzjoni ta' żvilupp ta' propjetà f'dawk iż-żoni inklużi bħala żoni żviluppabbli bħala riżultat tal-eżerċizzju ta' razzjonalizzazzjoni u li s'issa għadu mhux determinat x'tip ta' żvilupp hu permissibbli fuqhom.

Il-kwantità ta' propjetà residenzjali vakanti f'lokalità tkun wieħed mill-kriterji li jintuża biex ikun determinat jekk proġetti kbar residenzjali jingħatawx permess ta' żvilupp. Dan l-istess kriterju jintuża biex jipposponi l-iżvilupp fuq art inkluża fl-iskemi tal-iżvilupp bħala riżultat tal-iskema tar-razzjonalizzazzjoni.

L-aċċettazzjoni jew le ta' bini għoli, kif ukoll l-għoli aċċettabbli jiddependi mill-kuntest li dwaru dan ikun propost, jiġifieri dwar kemm ikunu indirizzati adegwatament l-impatti ambjentali u soċjali ta' kull proposta individwali. Huwa essenzjali li anke l-bini għoli jkun konformi mal-oġġettiv ta' żero karbonju kif imfisser iktar l-isfel f'dan il-manifest.

Iż-żona barra mil-linja tal-iżvilupp (l-ODZ) għandha tkun rispettata bis-serjetà u bil-fatti. M'għandhomx jibqgħu jintużaw *policies* biex kważi bil-moħbi jkun ġustifikat żvilupp barra miż-żona tal-iżvilupp bħalma kultant qiegħed isir bil-linji gwida tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-iżvilupp rurali u bil-*policy* dwar il-*petrol stations*. Dawn jeħtieġ li jinbidlu radikalment ħalli jitnaqqas b'mod sostanzjali l-iżvilupp mhux ġustifikabbli fil-kampanja.

Għandha tingħata attenzjoni ikbar għall-kompożizzjoni tal-bordijiet fejn jidħol kunflitt ta' interess li inevitabilment ikollhom persuni li għadhom jipprattikaw id-diversi professjonijiet. Spiss kellna minn dawn il-każijiet li ma jagħmlu l-ebda ġid għall-integrità tal-proċess.

L-impenn għall-ħarsien ambjentali jissaħħah u għandu jingħata poter lill-Kunsilli Lokali biex permezz ta' referenda lokali jkunu jistgħu jwaqqfu proġetti barra miż-żona tal-iżvilupp sakemm dawn ma jkunux proġetti ta' ħtieġa nazzjonali li jkollhom l-approvazzjoni tal-Parlament. Dan hu mod prattiku kif jitqiegħed fil-prattika l-prinċipju tas-sussidjarjetà u dan billi l-poter deċiżjonali jkun mill-iktar viċin ta' dawk milquta.

Ikunu reveduti l-policies tal-ippjanar li preżentement jippermettu l-iżvilupp barra miż-żona tal-iżvilupp bl-iskop li dawn isiru iktar restrittivi. L-ispazji miftuħa jkunu imħarsa. Fosthom Alternattiva Demokratika fil-Parlament tipproponi minnufih biex il-pajjiż jieħu lura l-Forti Manoel u *Manoel Island* biex jingħataw lura għat-tgawdija mill-poplu Malti li lilu jappartjenu. L-istess attenzjoni għandu jingħata Ta' Qali li tul is-snin sar post għall-ħin liberu tal-familji u issa, lejliet l-elezzjoni parti minnu qed jiġi propost li jkun żviluppat għal ċirkwit tat-tlielaq tal-karozzi u dan b'detriment tat-tfal li tant jieħdu pjaċir iqattgħu l-ħin liberu tagħhom mal-familja f'Ta' Qali. Dan hu proġett li qed jhedded li lill-uliedna jagħmilhom roundabout.

Ta' Qali mhux post ċirkwit tat-tlielaq tal-karozzi. L-anqas m'hu addattat Ħal-Far, post ieħor li kien qed jissemma. F'kull wieħed miż-żewġ lokalitajiet ċirkwit tal-karozzi jħalli ukoll impatti sostanzjali fuq ir-residenti fil-viċin.

Fil-fatt, hi l-opinjoni ta' Alternattiva Demokratika li, minħabba ċ-ċokon tal-pajjiż m'hemm l-ebda parti ta' Malta u Għawdex fejn dan iċ-ċirkwit jista' jsir.

Alternattiva Demokratika tappoġġa l-mira ta' żero skart sal-2050 liema mira hi stabilità mill-istrateġija nazzjonali għall-iskart.

Hu meħtieġ li mhux biss nirriċiklaw iktar imma fuq kollox li jkun inkoraġġit l-użu ta' prodotti magħmula minn materjal riċiklat. Dan jista' jsir anke b'inċentivi fiskali.

Il-liġi dwar id-dimanju pubbliku għandha tkun implimentat b'urġenża. Jekk l-implimentazzjoni ser tibqa' tittieħed bil-mod ftit ser jibqa' x'inkun protett. Il-pubbliku, direttament inkella permezz tal-għaqdiet ambjentali, għandu jingħata d-dritt li jibda passi legali biex tittieħed azzjoni dwar in-nuqqas ta' osservanza ta' din il-liġi.

Id-drittijiet tar-residenti għandhom jitħarsu b'mod iktar effettiv mit-tniġġis mill-ħoss ta' kwalunkwe attività storbjuża li sseħħ fiż-żona residenzjali. Dan jinkludi mhux biss il-kostruzzjoni imma l-istorbju li joriġina minn postijiet tad-divertiment f'żoni residenzjali. Hemm bżonn leġiżlazzjoni li tikkontrolla kull xorta ta' storbju liema leġiżlazzjoni għandha tiġi nforzata minnufih.

Għal dan l-iskop ikun introdott Att dwar il-Kontroll tal-Istorbju. Dan ikun implimentat fl-iqsar żmien possibli.

Jistona l-fatt li Malta, bħala wieħed mill-pajjiżi fejn l-ilma hu l-iktar skars m'għandhiex Pjan Nazzjonali għall-Ilma. Pjan ta' din ix-xorta jeħtieg li jsir u jrid jimxi id f'id ma' Pjan Nazzjonali għall-Agrikultura għax il-biedja mhux biss tikkonsma l-ikbar ammont ta' ilma imma hi ukoll is-sors tal-ikbar ammont ta' tniġġis tiegħu. Jeħtieġ li nipproteġu l-ilma tal-pjan (tal-inqas dak li fadal minnu) bħala riżorsa pubblika.

## It-Tniġġis

It-tniġġis mid-dawl (*light pollution*) joħloq diffikultà għall-ħajja notturna fid-dinja tal-annimali kemm għall-għasafar (prinċipalment dawk li għadhom ħerġin mill-bejta) kif ukoll tipi differenti ta' insetti. Huwa prinċipalment ta' theddida għall-bijodiversità.

It-tniġġis mid-dawl huwa kkawżat minn dawl żejjed u dawl li jitħalla jkun direzzjonat fejn m'hemmx bżonnu. Kontroll tat-tniġġis mid-dawl jista' jagħti kontribut żgħir għat-tnaqqis ta' konsum tal-enerġija billi s-setturi ewlenin li jridu jkunu indirizzati huma d-dwal fit-toroq, id-dwal madwar bini storiku u dwal esterni f'bini pubbliku u bini kummerċjali bħal-lukandi.

Alternattiva Demokratika tibqa' kommessa favur infurzar kontra l-bini illegali u b'mod partikolari tipproponi mill-ġdid it-twaqqiegħ tal-boathouses illegali fl-Aħrax tal-Mellieħa (Armier, *Little* Armier u l-inħawi magħrufa bħala tat-Torri l-Abjad) kif ukoll dawk li hemm fil-Bajja ta' San Tumas u żoni oħra.

Huwa essenzjali li l-aċċess għall-kosta jibqa' liberu għal kulħadd għax kulħadd għandu dritt li jgawdiha u ħadd m'għandu dritt jeskludi lil ħadd minn din it-tgawdija.

Fil-waqt li Alternattiva Demokratika tirrispetta r-riżultat tar-referendum abrogattiv dwar il-kaċċa fir-rebbiegħa, tibqa' tafferma li din mhiex sostenibbli. Huwa neċessarju li l-provedimenti kollha tad-Direttiva dwar l-Għasafar jkunu rispettati u b'mod partikolari li l-insib jieqaf kompletament.

# Tibdil fil-Klima, Enerġija u Trasport

Malta għandha żżid l-intensità tal-impenn tagħha fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Separatament, Alternattiva Demokratika ħejjiet id-dokument ta' policy li jipproponi li Malta jkollha l-mira ta' żero karbonju (*zero carbon*) sal-2050. Dan għandu jfisser li tingħata prijorità lill-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u li jkun indirizzat kull sors ta' emissjonijiet li jagħti kontribut biex jikber l-effett serra.

Alternattiva Demokratika qablet mal-bidla għall-użu tal-gass bħala sors ta' enerġija għall-*power station*. Dan sar għal ħafna raġunijiet, fosthom it-tnaqqis fl-emmissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) mill-ġenerazzjoni tal-elettriku bin-nofs, u anke għax huwa sors ħafna aktar nadif mill-*Heavy Fuel Oil*. Il-Gvern Nazzjonalista qabel l-2013 ma kienx ipprepara għall-qalba għall-gass u ma kienx segwa b'serjetà il-possibiltà ta' *pipeline* tal-gass. Il-qalba għall-gass mil-Gvern Laburista iżda tqajjem diversi mistoqsijiet – mhux l-anqas ix-xiri ta' gass mingħand l-aktar gvern korrott fid-dinja, dak tal-Azerbajġan. Alternattiva Demokratika tenniet ukoll li ma kienx hemm biżżejjed ħsieb biex it-tanker tal-gass ikun f'post iktar sikur, barra l-port ta' Marsaxlokk.

Għal Alternattiva Demokratika l-gass huwa fuel ta' tranżizzjoni, fit-triq lejn il-qalba għal sorsi totalment rinnovabbli ta' energija sal-2050.

Il-mira ta' Zero Karbonju, jew enerġija nadifa 100% sal-2050 hija mira fattibbli. Hija mira li tfisser investiment f'teknoloġiji ġodda, li tfisser impjiegi f'oqsma ġodda. Tfisser li l-flus li jiġu 'esportati' lejn pajjiżi oħra jintefqu minflok f'Malta stess. Imma fuq kollox Malta Zero Karbonju 2050 tfisser, arja nadifa, anqas konġestjoni, lokalitajiet b'żoni ħielsa mit-tniġġis u aktar spazji għan-nies. Tfisser kwalità ta' ħajja aħjar għal kulħadd.

Għal dan l-iskop Alternattiva Demokratika qed tipproponi:

1. li kull bini ġdid ikollu stallati pannelli fotovoltajċi biex ikun iġġenerat l-elettriku mix-xemx b'tali mod li l-binja tiġġenera l-elettriku kollu li tkun teħtieġ u b'hekk tkun *carbon neutral*. Dan flimkien ma' stallazzjoni ta' apparat li jipproduċi l-misħun mill-enerġija solari (*solar water heaters*).

2. li l-bini pubbliku kollu, għandu fi żmien raġjonevoli jkollu stallazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi biex jiġġenera l-massimu possibli ta' enerġija mix-xemx.

3. li l-bini eżistenti kollu, safejn hu possibbli, għandu fi żmien raġjonevoli jkun mgħammar b'apparat li jiġġenera l-misħun mill-enerġija solari (solar water heaters) u pannelli fotovoltajiċi u għal dan l-iskop għandhom ikunu intensifikati l-isforzi u l-għajnuna finanzjarja biex dan ikun possibbli. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil min hu l-iktar vulnerabbli.

4. għandha tittejjeb is-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku biex ikun possibbli li jogħla l-limitu ta' enerġija ġġenerata mix-xemx li s-sistema tkun tista' taċċetta.

5. għandu jsir investiment fi *floating solar panels* possibbilment f'sistema *combined* li taħdem kemm bl-enerġija solari kif ukoll dik tal-mewġ.

6. li għandu jkun hemm investment biex tkun iġġenerata l-massimu ta' enerġija mid-drenaġġ kif ukoll mill-iskart li jiġġeneraw l-annimali fl-irziezet.

7. li jsir investiment f'*micro-wind turbines* f'żoni industrijali u jsir pjan serju u fit-tul għal turbini tar-riħ f'żoni addattati *offshore*.

8. li sal-2050, l-enerġija importata permezz tal-*interconnector* għandha tkun eskussivament minn sorsi rinovabbli.

It-trasport hu magħruf li hu wieħed mis-sorsi ewlenin fil-kontribuzzjoni ta' Malta għall-ġenerazzjoni tal-gassijiet serra, flimkien ma' tniġġis iehor perikoluż li ma jidhirx. Għaldaqstant dan il-qasam għandu jkun indirizzat b'mod intensiv. Il-proposti ta' Alternattiva Demokratika huma s-segwenti :

1. li jkompli l-investiment fit-trasport pubbliku liema investiment għandu jinkludi li dan it-trasport jopera bil-metan, b'*biofuels* sostenibbli, kif ukoll b'*fuels* estratti mid-drenaġġ u dan sal-2025.

2. li jkunu nkoraġġiti mezzi differenti ta' trasport pubbliku, li jagħmlu użu minn sorsi nodfa ta' enerġija, u dan minflok infieq f'toroq ġodda li ultimament iżidu t-tniġġis, il-konġestjoni u t-traffiku.

3. li l-vetturi l-kbar kollha jridu sal-2025 ikunu jaħdmu bil-metan jew *biofuels* sostenibbli.

4. li wara perjodu tranżitorju raġjonevoli ta' madwar 20 sena l-karozzi privati permissibbli fit-toroq ikunu biss dawk li jaħdmu bl-elettriku.

5. li jittieħdu l-miżuri amministrattivi neċessarji permezz ta' titjib fl-infrastruttura tat-toroq u l-eliminazzjoni tal-ostakli burokratiċi ħalli jkun iktar faċli li jintużaw ir-roti u r-roti elettriċi. Ikun inkoraġġit li r-roti jintużaw biex persuna tmur għax-xogħol u għal dan l-iskop bl-għajnuna anke ta' fondi Ewropej ikunu provduti showers u infrastruttura adegwata biex dan ikun possibbli. L-inċentivar ta' *pedelecs* jew roti elettrici, flimkien ma infrastruttura adegwata għalihom tkun prijorità.

6. li ikun hemm investiment f'iktar pedestrijanizzazzjoni biex jitnaqqsu l-karozzi minn żoni b'konġestjoni u tniġġis kbir mit-traffiku.

7. li kumpaniji miġbura f'żoni partikolari, bħal żoni industrijali u żoni ta' konċentrazzjoni ta' uffiċċji jridu jew jipprovdu trasport għall-impjegati tagħhom jew jikkontribwixxu għal servizzi ta' trasport pubbliku lejn il-postijiet tax-xogħol. Dan jgħodd ukoll għas-servizz pubbliku b'mod partikolari f'żoni fejn hemm konċentrazzjoni ta' uffiċini governattivi f'liema każ għandu jkun il-Gvern bħala *employer* li jipprovdi r-riżorsi neċessarji.

8. li jkunu inkoraġġiti skemi komuni ta' distribuzzjoni ta' prodotti fil-ħwienet liema miżura għandha iżżid l-effiċjenza u tnaqqas it-traffiku mit-toroq.

# Edukazzjoni

L-edukazzjoni hija l-pern li fuqha tinbena il-kwalità tal-ħajja tat-tfal tagħna kif ukoll tal-pajjiż. Alternattiva Demokratika bi pjaċir tinnota s-sens kawt ta' kull min hu nvolut fil-politika biex dan is-settur ma jispiċċax ballun partiġġjan, filwaqt li jibqa' dejjem bżonn ta' ħarsa kritika biex dak li noffru lit-tfal tagħna inkomplu ntejbuh.

Il-pern principali li minn dejjem iggwida l-kontribuzzjoni tal-AD fl-edukazzjoni kien id-dritt ta' kull tifla u tifel li jilħqu l-potenzjal tagħhom għall-ġid tagħhom u tal-komunitajiet li jiffurmaw parti minnhom. Nibqgħu nemmnu fil-bżonn li l-edukazzjoni tibqa' tiffoka mhux biss fuq l-aspetti akkademiċi, imma wkoll fuq aspetti emozzjonali, soċjali u spiritwali permezz ta' esperjenzi li jrawwmu sens kritiku u wiesgħa li jagħmel mit-tfal tagħna persuni li jaħsbu b'moħħhom u ċittadini attivi fil-komunitajiet tagħhom li jimpurthom minn ħaddiehor, partikolarment dawk l-iktar vulnerabbli.

Nibqgħu ninsistu fil-bżonn li nilħqu lit-tfal lilhinn minn tifsila waħda biex titlibbes lil kulħadd. Irridu nirrikonoxxu li t-tfal kollha jitgħallmu b'modi differenti u għaldaqstant l-esperjenza edukattiva għandha l-obbligu li tipprovdi għal din id-diversità. Bl-istess mod irridu nirrikonoxxu li mhux it-tfal kollha jibdew il-ħajja mill-istess punt tat-tluq. Hemm tfal li jibdew il-ħajja b'mod hafna iktar żvantaġġjat minħabba realtajiet soċjo-ekonomiċi, fost fatturi oħra. Filwaqt li nirrikonoxxu li sar ħafna xogħol frott ta' *policies* u ħidma minn edukaturi tul iż-żmien, irridu nibqgħu nirfinaw dak li qed noffru lit-tfal tagħna.

Alternattiva Demokratika tirrikonoxxi wkoll il-fenomenu attwali li n-numru ta' gradwati li qed jagħżlu l-edukazzjoni bħala karriera qed jonqos bis-sigħat.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, Alternattiva Demokratika tagħmel dawn il-proposti:

1. Jitwaqqaf *task force* b'urġenza magħmul minn diversi komponenti fil-qasam edukattiv u lilhinn biex jeżamina r-raġunijiet għat-tnaqqis konsiderevli ta' gradwati li qed jidħlu fil-qasam edukattiv. Joħroġ b'rakkomandazzjonijiet biex jiġu attwati mill-iktar fis wara proċess ta' konsultazzjoni.

2. AD tħoss li għandu jkun hemm mekkaniżmu li jiżgura li l-edukaturi jkunu imħallsa b'rimunerazzjoni adegwata li tirrifletti ir-responsabbiltajiet kbar li qed iġorru u li kull ma jmur qed jiżdiedu.

3. Partikolarment fid-dawl tal-introduzzjoni tal-c*o-education*, għandha tissawwar politika fuq il-ġeneru biex jiġu indirizzati b'mod sistematiku temi li għandhom x'jaqsmu ma' rispett bejn l-irġiel u n-nisa partikularment temi ta' poter bejn is-sessi. Dan għandu jwassal fost l-oħrajn, għal programm edukattiv sistematiku mas-subien partikolarment, li minnhom ukoll tiddependi l-kwalità tar-relazzjonijiet bejn l-irġiel u n-nisa fil-preżent u l-futur.

4. Tinħoloq diskussjoni fuq spazji kurrikulari biex tingħata esperjenza ta' edukazzjoni reliġjuza li tkun inklussiva fejn ħadd ma jkun eskluż mill-klassi. Dan il-pass jirrispondi għar-realitajiet ta' diversità li s-soċjetà tagħna mogħnija biha.

5. Għandu jiġi studjat il-fenomenu tal-*underachievement* tas-subien fl-edukazzjoni biex jitfasslu strateġiji adegwati f'dan ir-rigward.

6. Tibqa' tinsisti fuq il-bżonn li numru ta' skejjel kbar li għad għandna isiru iżgħar sabiex jitrawwmu relazzjonijiet aħjar u pożittivi fejn it-tfal ma jibqgħux biss numru.

7. Persuni f'karigi għolja li jiddeċiedu li ma jibqgħux jokkupaw kariga għal raġunijiet differenti ma jiġux *demoted* għal grad ta' persuna li għadha tibda fil-professjoni, imma

tingħatalhom l-possibbiltà li jitqiesu li baqgħu fil-massimu tal-grad li telqu minnu qabel ma ħadu l-promozzjoni. Dan ghandu jgħin biex dawn il-persuni jiġu rispettati ta' dak li għamlu u fl-istess ħin ma jiġux imġiegħla jokkupaw karigi li ma jħossux li għadhom jgħoddu għalihom.

8. Tissaħħaħ ix-xibka, li AD tħoss li tjiebet konsiderevolment, li permezz tagħha nirkupraw studenti li ma jirnexxilhomx itemmu b'suċċess is-snin tas-sekondarja tagħhom.

9. Jiġi solvut malajr kemm jista' jkun l-*impasse* fuq il-*Learning Outcomes Framework* li l-implimentazzjoni tiegħu baqgħet fuq l-ixkaffa u li qed ikun sors ta' inċertezza għall-għalliema fl-iskejjel.

10. Tissokta d-diskussjoni fuq id-dokument imhejji minn esperti fuq is-sistema ta' inklużjoni fl-iskejjel Maltin, sabiex jiġu attwati numru ta' rakkomandazzjonijiet sabiex inkomplu ntejbu s-servizz offrut lit-tfal.

11. Tiġi riveduta b'mod urġenti l-prattika li permezz tagħha studenti post-sekondarji jingħataw possibbità li jaghmlu l-ezamijiet tal-MATSEC qabel ma jkunu temmew is-sentejn kors tagħhom. AD tħoss li din il-prattika qed tnaqqar il-kwalità tal-esperjenza edukattiva tal-istudenti. Fl-istess waqt għandha tibqa' tgħodd il-prattika li l-eżamijiet tal-MATSEC mhux bilfors iridu jsiru flimkien fl-istess sessjoni, bħal ma kien qabel.

12. Qed ikun hemm rata mhux żgħira ta' studenti li qed ikollhom jirrepetu sena jew oħra fl-istitizzjonijiet post-sekondarji partikolarment il-*Junior College* u l-*Higher Secondary*. Dan jindika li għal numru ta' studenti, is-sentejn kors mhux qed ikun biżżejjed biex japprendu l-materjal li jridu jitgħallmu. Għaldaqstant, għandha tigi mistħarrga l-possibiltà li l-kors post-sekondarju jinfirex fuq tliet snin għal min ikun jixtieq. Dan għandu jiżgura li inqas studenti jintilfu mill-process edukattiv u possibilment jieqfu mit-taħrig tagħhom.

13. Il-bżonn li l-edukaturi fl-iskejjel jiltaqgħu flimkien b'mod ħafna iktar regolari mingħajr il-preżenza tat-tfal ilu jinħass. Għaldaqstant, għandhom jinstabu mezzi, permezz ta' konsultazzjoni bejn kull min hu involut, biex din il-possibbiltà issir realtà regolari. Dan għandu jsir mingħajr ma jitnaqqas il-ħin ta' tagħlim li għandhom dritt għalih l-istudenti.

14. L-iskejjel għandhom jitħallew jimirħu biex isibu l-aħjar soluzzjonijiet li jgħoddu għalihom. Il-kapijiet tal-iskejjel qed jiġu mgħobbija b'amministrazzjoni li qed ixxekkilhom milli jkunu mexxejja edukattivi iktar milli amministratturi. Dan il-fenomenu għandu jiġi studjat bl-għan aħħari li titnaqqas il-burokrazija żejda ħalli l-enfasi fuq il-kwalità tat-tagħlim tiżdied.

15. Għandha tiġi indirizzata l-problema akuta ta' sistema edukattiva li tiddependi minn limitazzjonijiet ta' transport lejn u mill-iskejjel. Fuq kollox tħoss li mhuwiex ġust li t-tfal jitwasslu kmieni wisq l-iskola għad-detriment tas-sigurtà tagħhom biex ikun hemm possibbiltà ta' iktar vjaġġi. Dan qed ipoġġi lit-tfal f'sitwazzjoni imminenti ta' periklu. AD temmen li għandu jitwaqqaf kumitat biex jistudja l-problema bir-reqqa u jissuġġerixxi soluzzjonijiet aħħarija wara proċess ta' konsultazzjoni u dibattitu nazzjonali.

16. Kull inizjattiva li tittieħed biex tindirizza l-illitteriżmu u studenti li jaqgħu lura hija ta' min ifaħħarha. F'dan is-sens, il-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi għandha tingħata l-għodda li għandha bżonn biex tikkumplimenta l-iskejjel fl-isforzi tagħhom matul il-ġurnata.

17. Filwaqt li strutturi bħal Skola Sajf jgħinu lill-ġenituri jlaħħqu max-xogħol filwaqt li t-tfal tagħhom ikunu bil-vaganzi, għandu jsir sforz biex minn jiġi mpjegat biex jieħu ħsieb it-tfal jingħata imqar kors bażiku ta' kif jagħmel dan. Dan għandu jgħin biex mill-kwantità tas-servizz nieħdu ħsieb fuq kollox il-kwalità.

18. L-iskejjel infushom għandhom jingħataw iċ-ċans jimpjegaw direttament ħaddiema anċillari. Il-kulleġġi wkoll għandhom ikunu involuti direttament fl-għażla tal-istaff edukattiv li jgħallmu fi ħdanhom biex l-istaff ikun konsonanti mal-*mission statement* u l-*ethos* partikolari tal-iskola jew kulleġġ.

19. L-MCAST hija istituzzjoni importanti ħafna għax toffri toroq differenti edukattivi u jsir sforz akbar biex jintużaw diversi metodi differenti u kumplimentari ta' tagħlim. Avolja l-MCAST hija istituzzjoni vokazzjonali u teknika, nemmnu li l-istudenti għandhom ikunu offruti esperjenzi edukattivi varjati li jiffokaw fuq l-iżvilupp sħiħ tal-persuna. AD tappoġġja u issaħħaħ l-isforzi li qed isiru f'din id-direzzjoni.

20. L-elezzjonijiet għal rappreżentanti tal-istudenti fl-Università, l-*Junior College* u l-MCAST għandhom jitbiddlu mill-qiegħ biex il-kunsilli rispettivi tagħhom verament iħaddnu studenti b'diversità ta' ħsieb. Is-sitwazzjoni attwali ta' kunsilli monolitiċi tfisser kunsilli mhux rappreżentattivi, u l-esklużjoni tal-ideat validi sempliċiment għax huma differenti.

# Politika Soċjali

Alternattiva Demokratika temmen f'servizzi pubbliċi b'riżorsi adegwati fil-qasam soċjali. Is-servizzi fil-qasam soċjali mhux karità jew iżda huma l-bażi ta' soċjetà ġusta.

Id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità huma drittijiet umani bażiċi. AD jemmen li persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għall-inklużjoni soċjali, ħajja indipendenti u parteċipazzjoni fil-komunità. Is-soċjetà m'għandhiex tħares lejn persuni b'diżabilità bħallikieku kienu xi kategorija speċjali li jiddependu fuq il-karità ta' ħaddieħor. L-istat għandu obbligu li joffri servizz xieraq għad-dinjità ta' kull persuna b' diżabilità permezz ta' għixien fil-komunità għal dawk il-persuni b'diżabilità li jixtiequ jgħixu indipendentement mill-ġenituri u l-familja tagħhom, jew dawk li l-familjari tagħhom ma jistgħux jipprovdu għalihom aktar minħabba sitwazzjonijiet varji. AD taqbel mal-iżvilupp ta' *supported independent living* għal dawk il-persuni b'diżabilità li jixtiequ jgħixu b'mod awtonomu, jikkoabitaw, jiżżewġu, jew irabbu familja fil-komunità. Is-servizz fiċ-ċentri ta' matul il-jum għandu jkun aktar ibbażat fuq mudell ta' attività, taħriġ u indipendenza, fejn il-persuni b'diżabilità huma ttrattati bħala individwi adulti u jkunu integrati aktar fil-komunità.

Il-paga minima għandha tiġi rivedut perjodikament u tkun verament *living wage*. Il-persuni b'diżabilità li ma jistgħux jaħdmu għandhom jitħallsu għall-anqas il-paga minima.

Persuni bl-ME, FB u diżabilitajiet oħra li mhumiex rikonoxxuti mill-istat għandhom jiġu rikonoxxuti mill-istrutturi tal-politika soċjali tal-pajjiż. Is-servizzi tas-saħħa u tas-servizzi soċjali għandhom jivverifikaw is-sitwazzjoni tal-individwu biex tkun tista' tingħata l-għajnuna meħtieġa lil kull individwu. Jeħtieġ li jiġu allokati fondi għall-edukazzjoni u t-taħriġ meħtieġ fil-qasam mediku ghall-professjonisti li jispeċjalizzaw fid-dijanjożi ta' persuni bl-ME, FB u kundizzjonijiet simili fi stadju bikri u biex jagħtuhom pariri dwar saħħithom. Dawn il-persuni għandu jingħatalhom l-istess appoġġ u aċċess għal servizzi ta' saħħa f'pajjiżi oħra bħal ma jingħataw persuni oħra li għandhom kundizzjonijiet li lokalment m'hawnx kura għalihom.

AD tibqa' tinsisti fuq servizz tas-saħħa b'xejn fil-punt tal-użu tas-servizz. Il-privatizazzjoni tas-servizz ma jawgurax tajjeb kemm għall-pazjenti u s-servizz li jingħataw, kif ukoll għall-ispiża pubblika. Il-mottiv tal-profitt m'għandux post fis-servizz tas-saħħa pubblika. Is-servizzi tas-saħħa mentali għandhom jingħataw importanza akbar u r-riżorsi neċessarji. Is-saħħa mentali għandha tkun *mainstreamed*, b'servizzi aċċessibbli u normalizzati bħal kwalunkwe tip ta' servizz tas-saħħa.

Fil-qasam tal-anzjanità, hemm bżonn aktar sapport, max-xogħol tajjeb li diġa sar, biex anzjani jibqgħu, kemm jista' jkun jgħixu f'darhom. L-istandards fi djar għall-anzjani kemm pubblici, izda wkoll dawk privati għandhom ikunu sorveljati kontinwament. Il-ħaddiema fil-qasam soċjali għandhom ikunu imħarrġa tajjeb u ikollhom pagi xierqa li jirriflettu x-xogħol diffiċli u impenjattiv tagħhom.

## Id-Droga: politika b'wiċċ uman

Il-politika dwar id-droga għandha tkun waħda b'wiċċ uman. Id-droga m'għandhiex tkun kwistjoni ta' ordni pubbliku iżda għandha tkun ikkunsidrata bħala waħda li għandha għeruq soċjali fondi bosta drabi b'konsegwenzi mediċi. Il-vittmi tad-droga m'għandhomx jibqgħu kriminalizzati imma għandhom jingħataw l-għajnuna kollha neċessarja minn kmieni. Mill-banda l-oħra, min juża d-droga m'għandux ikun trattat differenti minn min jagħmel użu mill-alkoħol.

In-nies għandhom ikunu konxji mill-effetti varji tad-droga u għandhom jingħataw l-għajnuna meħtieġa meta jirrikorru għaliha. Li persuni jiġu kriminalizzati għaliex

jagħmlu użu mid-droga ma twassal imkien. Sfortunatament, tul is-snin din il-*policy* ta' kriminalizazzjoni wasslet għal aktar tbatija. Minkejja t-titjib li sar f'din il-leġiżlatura, il-liġi Maltija f'dak li jirrigwarda d-droga ma tirriflettix ir-realtajiet soċjali ta' llum il-ġurnata. Per eżempju, mhux kull min ipejjep il-ħaxixa huwa neċessarjament dipendenti fuq id-droga. Għaldaqstant, l-użu tad-droga mhuwiex ikkaratterizzat minn tip waħdieni ta' aġir imma hu wkoll relatat mat-tip ta' droga użata. Il-kannabis, per eżempju, hija droga meqjusa bħala waħda ħafifa waqt li l-eroina u l-kokaina mill-banda l-oħra huma drogi qawwija. Għandna naħdmu ħafna iktar sabiex tonqos il-pressjoni li twassal persuni sabiex jirrikorru għad-drogi, kemm dawk legali kif ukoll dawk illegali.

Fil-fatt l-alkoħol, il-kalmanti u s-sigaretti, minkejja li huma legali, joħolqu dipendenza u problemi b'implikazzjonijiet soċjali serji.

L-użu personali tad-drogi kollha għandu jiġi dekriminalizzat. Vittmi tad-droga għandhom jitqiesu bħala persuni li jeħtieġu għajnuna, u mhux bħala kriminali. Fl-istess ħin, dekriminalizzazzjoni tiżgura wkoll li dawk li jużaw id-drogi għal skop rikreattiv, inkluż dawk li jikkultivaw il-kannabis għall-użu personali, ma jiġux kriminalizzati minħabba l-mod ta' għixien tagħhom. Li l-użu tad-drogi jkun dekriminalizzat ifisser li min ikollu fil-pussess tiegħu d-droga għall-uzu personali ma jkunx ikkunsidrat bħala kriminali, u li min ikun vittma tad-droga, ikun ikkunsidrat bħala persuna li għandha bzonn l-għajnuna u mhux bħala persuna li teħtieġ tkun ikkastigata.

Id-dekriminalizzazzjoni għandha ssir a bażi tal-mudell Portuġiż li fuq mhedda ta' għaxar snin ta riżultati eċċellenti. Saru l-ewwel passi biex l-użu tal-kannabis għal raġunijiet mediċi ikun regolarizzat. Imma għad hemm ħtieġa li jitneħħew il-preġudizzji biex it-tibdil fil-liġi jkun jista' jagħti frott. Possibilment il-liġi tista' tkun ukoll aġġornata.

Wasal iż-żmien li l-użu tal-kannabis tkun aċċettata mil-liġi. Għandu jkun possibli li l-kannabis tinxtara, taħt kontrolli adegwati, minn ħwienet liċenzjati apposta għal dan l-iskop kif ukoll li din tkun soġġett għall-istess tassazzjoni bħas-sigaretti u t-tabakk. Ir-restrizzjonijiet li japplikaw għar-riklamar tat-tabakk għandhom japplikaw ukoll għal kannabis. Għandu jkun possibbli ukoll li persuna tkabbar il-pjanta għall-użu personali tagħha. Il-kannabis tagħmel inqas ħsara mit-tabakk u mill-alkoħol li t-tnejn huma legali.

Ma jagħmilx sens li nibqgħu naħlu r-riżorsi tal-pajjiż niġru wara min juża l-kannabis li għandha effetti komparabbli għall-użu tat-tabakk u l-alkoħol. Hu iktar utli li r-riżorsi tal-pulizija jintużaw biex jinqabdu t-traffikanti ta' drogi qawwija u perikolużi.

Għandha ssir klassifikazzjoni tad-drogi skont l-effetti fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-bniedem u fuq il-konsegwenzi soċjali u psikoloġiċi tagħhom. Il-gvern għandu jaddotta politika ta' riduzzjoni tal-ħsara li tinkoraġġixxi lil min għandu problema ta' droga jfittex l-għajnuna u jkun inkoraġġit jibdel ħajtu. Għandu jkun hemm programmi mmirati għal dawk li huma *addicts* ibbażati fuq dan il-prinċipju. Waqt li jkunu l-isptar, il-persuni li jakkumpanjaw lill-pazjenti għat-trattament minħabba *overdose* jistgħu jiġu mistoqsija biss mistoqsijiet li huma limitati għat-trattament tal-vittma. Vittmi tad-droga li jirrijabilitaw rwieħhom m'għandhomx jintbagħtu l-ħabs għal reati mhux vjolenti tal-imgħoddi relatati mal-użu ta' droga għal użu personali.

## Testment Bijoloġiku

Ikun introdott d-dritt għal testment bijoloġiku (*living will*). Dan ikun jikkonsisti f'dikjarazzjoni magħmula tul il-ħajja attiva ta' bniedem waqt li huwa jkun f'pussess totali tal-fakultajiet fiżiċi u mentali tiegħu. F'din id-dikjarazzjoni huwa jagħti direttivi antiċipati dwar ir-rieda tiegħu għal dak li għandu x'jaqsam mat-terapiji li huwa jaċċetta jew le fl-eventwalità li huwa jsib ruħu f'kundizzjoni li jkun inkapaċi li jesprimi dan id-dritt tiegħu.

# Drittijiet LGBTI

Alternattiva Demokratika tinnota bi pjaċir li illum hawn kunsens ġenerali dwar id-drittijiet ta' persuni LGBTI, inkluż id-dritt taż-żwieġ. Alternattiva Demokratika wkoll taqbel ma' dan. Dejjem kienet u tibqa' fuq quddiem biex tinsisti li persuni LGBTI jitqiesu ugwali għal ħaddieħor f'għajnejn il-liġi.

Alternattiva Demokratika tirrijafferma l-bżonn li persuni transgender, bħal kull ċittadin ieħor f'pajjiżna, ikollhom aċċess b'xejn għat-terapiji u l-kura medika li jkollhom bżonn mis-servizz tas-saħħa nazzjonali.

Alternattiva Demokratika qatt ma talbet xejn speċjali, ħlief li kulħadd, huma min huma, jkun ċittadin ugwali quddiem il-liġi.

# Ekonomija

L-ekonomija għandha l-ewwel u qabel kollox tkun waħda fl-interess tan-nies, *people friendly* qabel *business friendly*, u dan fl-oqsma kollha. Dan minn l-iktar affarijiet sempliċi bħall-imwejjed tar-ristoranti li jostakolaw il-bankini w it-toroq f'żoni residenzjali għall-materji iktar ikkumplikati tal-impatti tal-industrija tal-kostruzzjoni fuq il-ħajja tan-nies.

Alternattiva Demokratika temmen fil-ħtieġa ta' infieq bil-għaqal li jwassal għal *budget* bilanċjat b'mod permanenti.

Għandhom kontinwament jinstabu u jiġu żviluppati setturi ġodda ekonomiċi biex fuq medda ta' snin tkun eliminata d-dipendenza fuq il-*gaming* u servizzi finanzjarji. Dawn is-setturi għandhom pedament prekarju għax ibbażati fuq kompetizzjoni tat-taxxa. Dawn huma setturi li jistgħu jisparixxu malajr jekk ikun hemm bdil fil-liġijiet tat-taxxa ta' pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropeja. B'daqqa ta' pinna f'pajjiżi oħra, hu possibli li din l-industrija tisparixxi u dan joħloq problemi kbar għall-ekonomija Maltija.

Setturi bħal bijoteknologija responsabbli u l-informatika għandhom jingħataw importanza ikbar. Għandu jsir sforz ikbar biex dawn l-oqsma ma jkunux marġinalizzati. Il-*life sciences park* (ħdejn *Mater Dei*) għandu jingħata spinta 'l quddiem, għax jidher li mhux qiegħed jingħata attenzjoni biżżejjed.

Hemm ħtieġa ta' attenzjoni ikbar lit-trasport għax it-traskuraġni akkumulata f'dan il-qasam, akkumulata fuq numru ta' snin qed tnaqqas il-kompetittività u saret piż mhux żgħir fuq l-ekonomija. L-idea li jkun hemm metro li isservi lil Malta kollha, flimkien mal-proposta li ilna nagħmlu aħna ta' *fast ferry service* minn Għawdex hi waħda tajba jekk ippjanati bil-għaqal u bil-prekwazzjoniiet ambjentali meħtieġa. Qabel infieq enormi fuq sistema ta' metro, AD temmen li għandhom jittieħdu diversi miżuri oħra, fosthom inċentivi u faċilitajiet għal mezzi oħra ta' trasport. Is-servizzi ta' *fast ferry* jiffaċilitaw t-trasport minn Għawdex lejn ċentri urbani f'Malta u jitnaqqsu l-karozzi mit-toroq.

Setturi ta' edukazzjoni internazzjonali huma tajbin ekonomikament. Universitajiet ta' reputazzjoni għandhom jiġu mħajjra jiftħu ċentri f'Malta sakemm jirrispettaw l-ambjent u l-kwalità tal-ħajja tan-nies.

It-turiżmu mediku fih potenzjal iżda m'għandux isir a skapitu tas-servizz tas-saħħa pubbliku li għandu jibqa' dejjem prijorità.

Għandhom jitħaffu l-proċeduri tat-taxxa u titneħħa burokrazija żejda.

F'konformità mal-prassi fil-kumplament tal-Ewropa għandu jitneħħa l-obbligu tal-*audit* ta' kumpaniji żgħar. Din ittaffi l-ispejjez tal-*SMEs*. Fil-fatt *audits* ta' kumpaniji żgħar ma jistgħux isiru sew u hemm inkonsistenza kbira għax negozji żgħar u kbar li mhumiex kumpaniji ma jirrikjedux *audit*. It-tneħħija tal-bżonn ta' *audit* jiffranka eluf ta' ewro u ħin lil ħafna *SMEs*.

Fil-qasam tal-enerġija saru żbalji kbar li qed jiswew u ser jibqgħu jiswew ħafna lill-ekonomija Maltija. Ma kien ebda raġuni konvinċenti għaliex il-qasam tal-ġenerazzjoni tal-enerġija ngħata lill-*Electrogas*, li hi privata. Is-self bankarju ġie ggarantit mil-gvern u l-ħlas lura tas-self hu garantit mix-xiri tal-enerġija għal 18-il sena. Din il-*power station* qed titħallas minn Malta imma effettivament hi propjetà tal-iktar gvern korrott fid-dinja, dak tal-Ażerbajġan. Dan jorbot idejn Malta u jirrestrinġi l-possibilitajiet li tinxtara l-enerġija minn fejn jaqblilha.

Għandu jkun ikkunsidrat li jsir interconnector ieħor u dan biex tiżdied il-provista ta' enerġija mill-grid Ewropew kif ukoll biex ikollna alternattivi f'kaz ta' ħsara mal-interconnector eżistenti, liema ħsara jidher li qed tkun spissa.

Issir ġustizzja mal-konsumatur Malti fejn it-tariffi residenzjali huma ogħla minn dawk għall-business.

## Regolaturi Finanzjarji u Tassazzjoni

Ikunu msaħħa r-regolaturi finanzjarji. Il-Bordijiet jinħatru mill-Parlament u mhux mill-Gvern. Għandhom jinħatru għal perjodu fiss u li preferibilment ma jiġġeddidx u m'għandux ikun possibbli li jitneħħew sakemm mhux bil-kunsens ta' maġġoranza ta' żewġ terzi, u dan biex tissaħħah l-indipendenza tagħhom. Dan għandu b'mod partikolari jgħodd għall-MFSA.  Huwa essenzjali li b'mod kontinwu r-regolaturi finanzjarji jkunu indipendenti mill-gvern tal-ġurnata.

Sfotunatament is-settur finanzjarju f'Malta, li jagħti kontribut mhux żgħir lill-ekonomija Maltija, qed jieħu l-fama li hu bejta tal-evażjoni tat-taxxa. Il-vantaġġi li ġew offruti tul is-snin lill-kumpaniji barranin reġistrati Malta biex ikollhom rifużjoni ta' taxxa dovuta li titħallas qed tagħti libsa legali lill-evażjoni ta' taxxa fuq skala mhux żgħira.

Hemm bżonn ta' riforma serja biex Malta ma tibqax kompliċi dwar l-evażjoni tat-taxxa fuq livell Ewropew u Internazzjnali.

Għaldaqstant ghandhom ikunu riformati l-liġijiet tat-taxxa, mhux biss biex din tkun iktar ġusta imma ukoll biex l-evażjoni tkun inqas possibbli.

# Agrikultura

Il-gżejjer Maltin, b'territorju ta' madwar 312 kilometru kwadru u b'popolazzjoni ta' ftit aktar minn 400,000 ruħ, huma fost l-aktar densament popolati fid-dinja. L-art agrikola naqset bi kważi nofs ta' dik li kienet fl-1956. Waqt li hemm 'l fuq minn 70,000 propjetà battala aktar bini baqa' jinbena inkluż fuq art il-barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ). AD temmen illi l-art barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ) għandha tigi mħarsa.

Inċentivi favur aktar żgħażagħ li jidħlu fl-agrikultura għandhom jinkludu kemm dawk ta' natura fiskali kif ukoll inċentivi favur il-ħolqien ta' swieq ġodda fejn l-istess bidwi ikun jista' jbiegħ il-prodott tiegħu direttament lill-konsumatur. B'hekk mhux talli l-konsumatur ikollu aċċess għal prodotti ferm aktar friski u bi prezz aħjar imma anke l-istess bidwi jtejjeb il-profitti tiegħu. Miżuri jinkludu ħolqien ta' aktar *farmers' markets* u investiment ikbar f'agro-turiżmu mhux b'bini ġdid imma bir-rijabilitazzjoni u fejn possibbli bl-addattament ta' bini agrikolu abbandunat.

In-nuqqas ta' infurzar tal-liġijiet fil-qasam agrikolu qed iwassal kemm għal ħsara ambjentali kif ukoll għal ħsara għall-istess industrija partikolarment fejn jikkonċerna l-użu eċċessiv ta' fertilizzanti u pestiċidi. Dan qed jirrifletti ruħu f'ilma tal-pjan ikkontaminat u fi ħxejjex u frott b'livelli ta' pestiċidi ferm ogħla milli stipulat mill-EU tant illi minn spezzjonijiet li saru fl-2016 instab illi 20 fil-mija tal-kampjuni li ttieħdu kienu ta' periklu għal saħħitna. Ċertament,li dan mhux riklam tajjeb għall-prodotti lokali. Mal-ħażin m'għandux jeħel it-tajjeb u għalhekk għandha tissaħħaħ is-sistema li tikkontrolla l-użu ta-pestiċidi, fosthom b'laboratorju nazzjonali funzjonanti.

Għandu jkun hemm aktar spezzjonijiet u l-kampjuni meħuda jkunu eżaminati immedjatament. Sa llum kull kampjun jittieħed barra minn Malta minħabba li laboratorju sura għal dan l-iskop m'hawnx. Apparti l-ispejjeż, li m'humiex żgħar, hemm ukoll id-dewmien li minħabba fih ma jkunx possibli li jittieħdu passi immedjati jekk jirriżulta li dan ikun meħtieġ.

L-ilma hu riżorsa limitata. Għandu jkun hemm pjan nazzjaonali dwar l-użu tal-ilma f'liema pjan għandu jkun hemm allokazzjoni adegwata għall-biedja. Kull bidwi għandu jiġi allokat l-ammont ta' ilma li jista' juża, skont kemm jaħdem raba' jew skont kemm irabbi bhejjem b'ammonti stabbiliti bi prezz raġjonevoli. Għandu jsir kull sforz sabiex jibda jintuża ħafna aktar fl-agrikultura l-ilma msoffi tad-drenaġġ.

Malta għandha tibqa' ħielsa mill-organiżmi ġenetikament modifikati (GMOs). Malta għandha tkompli tkun ħielsa mit-tkabbir ta' ikel ġenetikament modifikat. Kemm żrieragħ ġenetikament modifikati u għalf magħmul minn dawn il-prodotti għandhom ikunu ipprojbiti milli jiġu impurtati.

Għandu jingħata inċentiv lil dawk ir-raħħala li jużaw metodi *free range*.

Għandha tkun inkoraġġita l-agrikoltura organika bi programm ta' għajnuna teknika u finanzjarja lill-bdiewa kif ukoll bi programmi ta'informazzjoni kemm indirizzati lejn il-bdiewa kif ukoll lejn il-konsumatur. Agri-turiżmu marbut mal-biedja organika għandu jingħata importanza speċjali, b'servizzi ta' għajnuna speċifika għal din it-tip ta' mikro-industrija. Għandu jkun hemm assistenza fil-ħolqien ta' swieq dedikati għall-prodotti organiċi kif għandu jkun hemm promozzjoni tal-agrituriżmu bi programm ta' riġenerazzjoni ta' bini agrikolu mitluq.

# Sajd

Is-sajd sostenibbli għandu jkun inkoraġġit.

Infasslu pjan holistiku dwar is-sajd fiż-żona ta' konservazzjoni madwar Malta (25 mil), fejn ikun permess sajd minn sajjieda fuq skala żgħira, b'dgħajjes ta' qies ta' inqas minn tnax-il metru u dan b'eċċezzjoni għal-lampara tradizzjonali u l-kannizzati tal-lampuki.

Nibdlu l-liġi biex nipproteġu lis-sajjieda u dan billi ma jitħassrux liċenzji meta s-sajjieda jonqsilhom il-qbid ta' ħut. Nassiguraw li jkun hemm trasparenza u ġustizzja fil-ħruġ tal-liċenzji, kemm fuq dghajjes u kemm fuq irkabtu.

Jitfasslu pjanijiet ċari fejn jiġu stabiliti kwoti fuq ċerti speċi ta' ħut biex ma nħallux li kollox jispiċċa f'idejn erba' imprendituri b'theddida għall-eżistenza tas-sajjieda fuq skala żgħira. Is-sajjieda jitħallew jaħdmu skont l-istaġuni għax dan huwa il-mod tradizzjonali tas-sajd u huwa sostenibbli.

Titneħħa r-restrizzjoni li sajjieda li joperaw f'baħar sa 3 mili mill-kosta ma jistgħux jaħdmu b'mutur outboard. Invaraw skema biex inħajru s-sajjieda jużaw xbieki b'malja ikbar biex jiġi evitat il-qbid ta' ħut żgħir. Ix-xbieki ta' miżura iżgħar jinġabru bi tpartit ma' xbieki b'malja ikbar.

Nippromwovu u nagħtu inċentivi għal sajd tradizzjonali bħal nases u xbieki li jkollhom impatt baxx.

Niżguraw li jkun hemm protezzjoni effettiva tal-alka tal-baħar (*Posedonia*) għax din hi l-bażi tal-ħajja fil-baħar. Nieħdu ħsieb li s-sajjieda jkollhom protezzjoni adegwata għad-dgħajjes tagħhom fil-portijiet.

Jkun hemm spazju adekwat fuq il-mollijiet, li jkun riservat biss għall-manutenzjoni ta' rkabtu u ta' dgħajjes tas-sajd. Nipprovdu faċilitajiet fuq il-mollijiet, fejn is-sajjieda jkunu jistgħu jarmaw l-irkabtu, bħal nases, xbieki u konzijiet, waqt li fl-istess ħin iservu ta' attrazzjoni turistika. Jkunu nkoraġġiti s-sajjieda li jibqgħu jaħdmu bil-luzzu, l-kajjikk u l-frejgatina għax dawn huma patrimonju awtentiku Malti mfittex ħafna anke mit-turisti. Ikun hemm skemi ta' għajnuna għal min jagħżel li jibni jew jirrestawra dgħajsa tradizzjonali għas-sajd.

Il-fondi Ewropej disponibbli għas-sajd ghandhom jilħqu lis-sajjieda kollha.

Issir manutenzjoni regolari tal-iskalijiet li jintużaw mis-sajjieda.

Invaraw skema biex ngħinu lis-sajjieda itejjbu l-livell tal-għixien tagħhom billi jipprattikaw sajd għat-turiżmu, jiġifieri jkunu liċenzjati biex ikunu jistgħu jġorru magħhom turisti għal sajdiet qosra. Nieħdu ħsieb biex il-bolla tas-sigurtà soċjali tas-sajjieda u tal-bejjiegħa żgħar (small scale) tal-ħut titnaqqas u tiġi bl-istess rata bħal tal-bdiewa.

Is-sajjieda kollha ikollhom allokazzjoni ta' diesel *duty free* bħas-sajjieda l-oħra fl-Unjoni Ewropea. Fuq medda ta' żmien issir riċerka fuq użu ta' fuels u sorsi t' enerġija aktar nodfa anke fuq dgħajjes tas-sajd.

In-nuqqas ta' infurzar jinħass ukoll fil-qasam tal-akwakultura fejn illegalitajiet relatati ma' gaġeġ illegali tat-tonn kienu kagun ta' kontaminazzjoni tal-baħar f'diversi inħawi imma prinċipalment f'San Pawl il-Baħar u dan b'detriment kemm tar-residenti kif ukoll tal-industrija tat-turiżmu. AD temmen f' infurzar ikbar u fir-rilokazzjoni tal-gaġeġ kollha f'żona jew żoni magħżula wara studji ambjentali. In-nuqqas ta' sostenibilità tal-irziezet tat-tonn, anke għax jużaw risors fuq skala kbira u industrijali taf tfisser li hemm bżonn ta' kwoti aktar stretti u aktar restrizzjonijiet fuq din l-industrija, fl-interess tal-konsumatur, tas-sajjied iż-żgħir u tal-bijodiversità.

# Ħarsien tal-Annimali

L-animali jħossu l-istess bħalma jħoss kull wieħed u waħda minna u għaldaqstant irridu naraw illi jitħarsu minn kull forma ta' moħqrija.

Alternattiva Demokratika dejjem tkellmet u ħadet sehem attiv favur il-ħarsien ta' l-annimali. Din il-ħidma flimkien ma ħidmiet minn entitajiet oħra sarrfet f'progress sostanzjali tul dawn l-aħħar snin. Dan jinkludi l-introduzzjoni tal-*Animal Welfare Act*, emendi għal-liġijiet favur pieni aktar ħorox, il-waqfien ta' ċrieki bl-animali, kuxjenza ikbar favur id-drittijiet tal-annimali u ħafna miżuri u passi oħra.

F'Malta, grazzi għal kampanji edukattivi u l-ħidma fejjieda minn diversi *NGOs*, trawwmet kuxjenza b'saħħita favur il-ħarsien tal-annimali partikolarment dawk domestiċi. Sfortunatament din il-kuxjenza għadha xi ftit jew wisq fqira fejn tikkonċerna annimali mkabbra għall-ikel. Annimali miżmuma ġo spazji limitati, tgħammir intensiv (*intensive breeding*) u ċertu proċessi ta' qtil b'metodi insensittivi huma oqsma li għad iridu jkunu indirizzati b'serjetà.

Dan jista' jsir bi programmi ta' tagħrif u taħriġ għall-bdiewa kif ukoll permezz ta' kampanja edukattiva mmirata lejn il-pubbliku in ġenerali. Huwa importanti illi l-konsumatur ikun konxju tal-proċessi differenti ta' trobbija qabel jiddeċiedi x'jixtri. Il-bidwi, permezz ukoll ta' inċentivi fiskali, għandu jkun inkoraġġit sabiex jaddotta sistemi ta' trobbija li jirrispettaw aktar lill-annimali.

Hemm ħtiega ta' aktar spezzjonijiet sabiex f'kull ħin ikun assigurat il-ħarsien tal-liġi u ta' prattika tajba.

# Għawdex

L-iżvilupp ta' ħolqa bejn Malta u Għawdex għandha tkun ibbażata fuq soluzzjonijiet realistiċi u sostenibbli. AD topponi l-iżvilupp ta' ajruport f'Għawdex u tiffavorixxi kemm link bil-helicopter bejn Għawdex u l-ajruport, kif ukoll l-introduzzjoni immedjata ta' *fast ferry service* lejn il-Port il-Kbir, Tas-Sliema, Sa Maison u posibbilment postijiet oħra. Il-mina proposta bejn Malta u Għawdex l-anqas ma hi aċċettabbli mhux biss għax tirriduċi lil Għawdex għal status ta' villaġġ fil-gżejjer Maltin imma fuq kollox minħabba l-impatti ambjentali enormi kemm fl-attwazzjoni kif ukoll fl-operat.

Biex jinħoloq aktar xogħol f'Għawdex, huwa indispensabbli li, wara li l-PN u L-PL ilhom jitmejlu bl-Għawdxin għal kważi għaxar snin, tinħoloq immmedjatament t-tieni konnessjoni ta' *fibre optic cable* bejn iż-żewġ gżejjer. Dan jagħti sigurtà lil kull min irid jinvesti f'Għawdex f'kull qasam tax-xogħol.

Il-ħarsien tal-kwalità tal-baħar, in partikolari fil-gżira Għawdxija, huwa indispensabbli jekk irridu nissalvagwardjaw l-industrija tad-*diving*.

Investiment fil-qasam tat-turiżmu ta' niċċa: kulturali, *walking holidays*, turiżmu reliġjuż, fost oħrajn għandu jkun prijorità għal Għawdex.